**TeleBetlem**

Tbaxxejt għax saħħartni
Kif rajtek hemm maqful
Stħajjilni preżenti
Fl-imgħoddi u fit-tul.

Għax f'moħħi dlonk telgħet
il-ġrajja ta' Betlem,
il-ġrajja tal-fidwa
waħedha titkellem.

Kif Alla sar bniedem
twieled bħala l-bnedmin
kellu bżonn il-ħniena
magħdud mal-imsejknin.

Ġużeppi w Marija
billejl ifittxu kenn,
Ġesù se jitwieled
hemm qalb li tassew tħenn?

Inqalgħet il-mara
ix-xwejħa tal-isqaq,
Dur 'l hawn, l'hemm u fl-aħħar
Rat dawl ċkejken fix-xaqq.

Hekk kif resqet sewwa
Intebħet li kien għar,
Ħadet lil Marija
Urietha l-post bin-nar.

Li fih kellha twelled
Lil Alla l-Feddej
U Ġużeppi sieket,
Ħejja fiss ta' qaddej.

U twieled it-tifel
l-anġli ilkoll għannew,
magħhom ġew ir-rgħajja
bil-ferħ tagħhom tqawwew.

Għax minn dik il-kaxxa
Smajt il-ħelwa għajta:
Sebħ lil Alla l-għoli
Sliem lir-rieda tajba!

U ma din il-kelma
Ippruvajt nitla' l fuq,
Imma l-piż kien ċomba

Kollox irrid induq!

Imma fl-aħħar seħħli
Inqum fuq riġlejja,
Biex hekk għal darb'oħra
Rajt quddiem għajnejja.

Lilek o presepju
ili qiegħed tkellem,
mit-televiżjoni
ħelu telebetlem!